



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



18685/11

(OR. en)

PRESSE 498

PR CO 80

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3136 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Barranin

Kummerċ

Ġinevra, 14 ta' Diċembru 2011

President

Is-Sinjura Hanna TROJANOWSKA

Sottosegretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija tal-Polonja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 3195 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

18685/11

1
MT

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

Il-Kunsill iltaqa' f'Ġinevra biex iħejji t-tmien konferenza ministerjali tal-**Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ** mill-15 u sas-17 ta' Diċembru.

*Il-Kunsill approva l-adeżjoni tar-**Russja** u s-**Samoa** għad-WTO. Id-deċiżjoni ser tittieħed fil-konferenza ministerjali tad-WTO.*

*Il-Kunsill ta wkoll l-approvazzjoni lill-Kummissjoni biex tibda negozjati bilaterali mal-**Eġittu, il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija**, bil-ħsieb tal-istabbiliment ta' żoni ta' kummerċ ħieles "profondi u komprensivi".*

*Deċiżjonijiet oħra li ttieħdu mill-Kunsill jinkludu l-appoġġ tal-UE għall-ġhoti ta' rinunzja li tippermetti lill-membri tad-WTO jagħtu trattament preferenzjali lil servizzi u fornituri ta' servizzi ta' **pajjiżi l-inqas żviluppati**.*

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	4
---------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

KONFERENZA MINISTERJALI TAD-WTO	6
--	----------

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

POLITIKA KUMMERĊJALI

– Adeżjoni tas-Samoa għad-WTO	7
– Adeżjoni tar-Russja għad-WTO.....	7
– Ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi tal-Mediterran tan-No fsinhar	8
– Trattament preferenzjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati	8
– Anti-dumping - Pajpijiet u tubi tal-azzar - Ċina	8

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill insemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sur François ROUX

Rappreżentant Permanenti

Bulgarija:

Is-Sur Gancho GANEV

Rappreżentant Permanenti tar-Repubblika tal-Bulgarija għan-NU u Organizzazzjonijiet Internazzjonali oħra f'Ġinevra

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Martin TLAPA

Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ

Danimarka:

Is-Sinjura Pia OLSEN DYHR

Ministru tal-Kummerċ u l-Investment

Ġermanja:

Is-Sur Jochen HOMANN

Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Ekonomija u t-Teknoloġija

Estonja:

Is-Sur Väino REINART

Sottosegretarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u tal-Iżvilupp, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Irlanda:

Is-Sur Gerard CORR

Rappreżentant Permanenti

Greċja:

Is-Sur Konstantinos PAPADOPOULOS

Segretarju Ġenerali, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Spanja:

Is-Sur Alfredo BONET BAIGET

Segretarju tal-Istat tal-Kummerċ Barrani

Franza:

Is-Sur Pierre LELLOUCHE

Ministru tal-Istat responsabbli għall-Kummerċ Barrani, fl-Uffiċċju tal-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi, il-Finanzi u l-Industrija

Italja:

Is-Sur Amedeo TETI

Direttur Ġenerali għall-Politika Kummerċjali tal-Ministeru Taljan tal-Iżvilupp Ekonomiku

Ċipru:

Is-Sinjura Aigli PANTELAKI

Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Agrikoltura, ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent

Latvja:

Is-Sur Edgars RINKĒVIČŠ

Ministru għall-Affarijiet Barranin, Kap tad-Delegazzjoni

Litwanja:

Is-Sur Egidijus MEILŪNAS

Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin

Lussemburgu:

Is-Sur Jean FEYDER

Rappreżentant Permanenti

Ungerija:

Is-Sur István MAJOR

Rappreżentant Permanenti

Malta:

Is-Sur Joseph RAPA

Direttur Ġenerali, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investment

Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Simon SMITS

Viċi Kap tad-Delegazzjoni, Direttur Ġenerali tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni

Awstrija:

Is-Sur Reinhold MITTERLEHNER

Ministru Federali tal-Affarijiet Ekonomiċi, il-Familja u ż-Żgħażaġħ

Polonja:

Is-Sinjura Hanna TROJANOWSKA
Is-Sur Mieczysław NOGAJ

Sottosegretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija
Direttur, Dipartiment tal-Politika Kummerċjali, Ministeru
tal-Affarijiet Ekonomiċi

Portugall:

Is-Sur Miguel MORAIS LEITÃO

Segretarju tal-Istat tal-Affarijiet Ewropej

Rumanija:

Is-Sur Károly BORBÉLY

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija, il-Kummerċ
u l-Ambjent tan-Negozju

Slovenja:

Is-Sur Matjaz KOVACIC

Rappreżentant Permanenti

Slovakkja:

Is-Sur Kristián TAKÁČ

Viċi Ministru, Ministeru tal-Ekonomija

Finlandja:

Is-Sur Esko HAMILO

Sottosegretarju tal-Istat tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi
Esterni

Svezja:

Is-Sinjura Ewa BJÖRLING

Ministru tal-Kummerċ

Renju Unit:

Is-Sur Edward DAVEY

Ministru tal-Istat tal-Kummerċ

.....

Kummissjoni:

Is-Sur Karel DE GUCHT

Membri

.....

Il-Gvern tal-Istat tal-Adeżjoni kien irrappreżentat kif ġej:

Kroazja

Is-Sinjura Vesna Vuković

Rappreżentant Permanenti

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**KONFERENZA MINISTERJALI TAD-WTO**

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet bi tħejjija għat-8 konferenza ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li kellha ssir fil-kwartieri ġenerali tad-WTO f'Ġinevra fil-15-17 ta' Diċembru. Huwa ddiskuta wkoll in-negozjati dwar l-aċċess għas-suq fil-qafas tal-ftehim dwar l-akkwisti pubbliċi.

Waqt li mhuwiex mistenni progress fin-negozjati tal-Aġenda tal-Iżvilupp ta' Doha matul din il-konferenza ministerjali, il-Kunsill tenna l-impenn tiegħu għal eżitu ambizzjuż u komprensiv għall-laqgħa. Il-Kunsill enfasizza wkoll ir-rwol kruċjali tad-WTO fil-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali u approva l-isforzi tagħha biex jiġi pprovdut proċess ta' monitoraġġ effettiv għall-ġlieda kontra l-protezzjoniżmu.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI**POLITIKA KUMMERĊJALI****Adeżjoni tas-Samoa għad-WTO**

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova, f'isem l-UE, l-adeżjoni tas-Samoa għad-WTO. Id-deċiżjoni ser tittieħed mid-WTO fit-8 konferenza ministerjali tagħha, li ser issir f'Ġinevra fil-15-17 ta' Diċembru.

Adeżjoni tar-Russja għad-WTO

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova, f'isem l-UE, l-adeżjoni tar-Russja għad-WTO. Id-deċiżjoni ser tittieħed mid-WTO fit-8 konferenza ministerjali tagħha, li ser issir f'Ġinevra fil-15-17 ta' Diċembru.

Bħala parti minn pakkett usa', il-Kunsill approva wkoll l-iffirmar¹ ta' erba' ftehimiet bilaterali mar-Russja, li jinsabu fil-Protokoll ta' Adeżjoni għad-WTO:

- amministrazzjoni ta' kwoti tar-rata tariffarja li japplikaw għall-esportazzjoni ta' injam mir-Russja lejn l-UE;
- mekkaniżmu ta' kumpens biex jiżgura li l-importazzjoni ta' partijiet u komponenti għal vetturi bil-mutur mill-UE għar-Russja ma jonqsux bħala riżultat tal-applikazzjoni tas-sistema ta' investimenti fis-settur tal-karozzi;
- żamma tal-impenni dwar l-iskambju ta' servizzi fil-ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni bejn l-UE u r-Russja attwali;
- l-introduzzjoni jew iż-żieda mir-Russja tad-dazji fuq l-esportazzjoni ta' materja prima.

¹ L-iffirmar huwa mistenni li jsir fis-16 ta' Diċembru fl-Ambaxxata Russa f'Ġinevra.

Ftehimiet ta' kummerè ħieles ma' pajjiżi tal-Mediterran tan-Nofsinhar

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati bilaterali mal-Eġittu, il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti żoni ta' kummerè ħieles "profondi u komprensivi", bħala parti mill-ftehimiet ta' assoċjazzjoni Euro-Mediterranji eżistenti ma' daww il-pajjiżi. It-taħditiet ser jibdew malajr kemm jista' jkun.

Trattament preferenzjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova, f'isem l-UE, l-għoti mill-konferenza ministerjali tad-WTO ta' deroga li tippermetti lill-membri tad-WTO jagħtu trattament preferenzjali lis-servizzi u l-fornituri tas-servizzi ta' pajjiżi l-anqas żviluppati.

Anti-dumping - Pajpijiet u tubi tal-azzar - Ċina

Il-Kunsill adotta Regolament li jimponi dazju definittiv anti-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar li ma jissaddadx, li joriġinaw miċ-Ċina ([17401/11](#)).